MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 19/2002/2

**Anne Miller f'isimha proprju u b'digriet tas-16 ta' Marzu 2005 giet nominata bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Ben Alexander Genovese, u fit-28 ta' Novembru 2002 Dr Kevin Dingli assuma l-atti f'isem l-attrici u b'digriet ta' l-14 ta' Ottubru 2005 Dr Kevin Dingli**
**gie nominat kuratur *ad litem* tal-minuri Ben Alexander Genovese**

**v.**

**L-Avukat Generali, il-Prim Ministru, il-Ministru ta' l-Intern, id-Direttur tac-Cittadinanza u tal-"Expatriates",**

**il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Din hi t-tieni sentenza li din il-Qorti qed taghti f'din il-kawza. In fatti, b'sentenza moghtija fit-18 ta' Lulju 2006, wara appell minn sentenza in prim istanza tal-25 ta' Jannar 2006, din il-Qorti kienet ddecidiet hekk:

"Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, tal-Ministru ta' l-Intern u tad-Direttur tac-Cittadinanza u l-"Expatriates"[1] billi thassar u tirrevoak dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-ewwel Qorti ddikjarat li l-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 188 hu in vjolazzjoni tal-Artikolu 45(1) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u li qed jiddiskrimina "konsegwenzjalment kontra Ben Alexander Genovese milli jibbenefika mid-dritt ghal cittadinanza Maltija", kif ukoll in kwantu ordnat li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jithallsu mill-appellanti odjerni, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan pero` li peress illi l-ewwel Qorti astjeniet milli tikkunsidra l-lanjanza tar-rikorrenti appellati taht l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi lil dik il-Qorti sabiex din tippronunzja ruhhu fir-rigward ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-imsemmija Konvenzjoni. L-ispejjez tal-ewwel istanza (hlief dawk tal-intimitai li gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, liema spejjez ghandhom jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti) jibqaghu riservati ghall-gudizzju finali; l-ispejjez, izda, konnessi ma' dana l-appell ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrenti appellati. U peress li l-ewwel Qorti kienet ordnat li kopja tas-sentenza taghha tigi komunikata lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati skond ma jipprovdi l-Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li bl-odjerna sentenza qed tigi riformata s-sentenza tal-Prim Awla, din il-Qorti wkoll

[1] Il-Prim Ministru, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni kienu gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju bis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2006, u minn dik il-liberazzjoni ma kienx sar appell mir-rikorrenti Anne Miller *pro et noe.*

tordna li kopja tas-sentenza tal-lum tigi komunikata lill-iSpeaker mid-Registratur, Qrati u Tribunali Civili."

**2.** Kien imiss, ghalhekk, issa ghall-Prim Awla tal-Qorti Civili li tippronunzja ruhha dwar jekk kienux gew lezi, jew kienux qed jigu lezi jew kienux x'aktarx ser jigu lezi fil-konfront tar-rikorrenti jew min minnhom id-drittijiet taghhom kif protetti bl-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Id-decizjoni in materja nghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Novembru 2008.

**Il-fatti**

**3.** Ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza, tajjeb li wiehed jerga' jirrikapitola l-fatti. Dan jista' jsir b'referenza ghal dak li nghad fil-paragrafi 3 sa 5 tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Lulju 2006 aktar 'l fuq imsemmija, u dan peress illi wara li l-atti regghu gew rimessi quddiem l-ewwel Qorti ma nstemghu ebda provi godda. Dawn il-fatti bazici huma s-segwenti:

"**3.** Anne Miller hija omm Ben Alexander Genovese. Ben twieled fl-Iskozja fit-2 ta' April 1996[2] minn relazzjoni extra-konjugali li l-imsemmija Anne kellha ma' certu Joseph Genovese. Missier Ben jidher li qatt ma ried jirrikonoxxi lil ibnu, qatt ma wera ebda interess fih (a differenza ta' membri tal-familja tieghu, cioe` membri tal-familja ta' l-istess Joseph Genovese, li wrew li jridu jzommu kuntatt kemm mat-tifel kif ukoll ma' ommu[3]), u anqas kien propens li jmantnih. Infatti l-omm kellha tagixxi gudizzjarjament kontra l-imsemmi Joseph Genovese fil-Prim Awla tal-Qorti Civili kemm biex Joseph Genovese jigi dikjarat, kif effettivament gie dikjarat, li hu missier Ben, kif ukoll ghall-manteniment[4]. Anqas ma hu kontestat li Joseph Genovese huwa cittadin Malti.

[2] Ara certifikat tat-twelid, mahrug mill-awtoritajiet kompetenti Skoccizi, a fol. 43.
[3] Ara l-affidavit ta' Anne Miller, fol. 96 u 97.
[4] Ara s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Frar 2003 fl-ismijiet ***Avukat Dottor Kevin F. Dingli noe v. Joseph Genovese***, sentenza moghtija fil-kontumacja tal-konvenut – fol. 75 *et seq.*

"**4.** Anne Miller riedet li t-tifel taghha jakkwista c-cittadinanza Maltija, izda sabet ostakolu legali. Hu huwa proprju dan l-ostakolu li hija qed tipprova teghelb b'dawn il-proceduri kostituzzjonali. Jidher li din ic-cittadinanza ghal binha hija riditha – u, presumibbilment ghadha tridha – minhabba ragunijiet ekonomici konnessi mal-edukazzjoni (eventwali) terzjarja ta' binha. In fatti, fl-affidavit taghha aktar 'l fuq imsemmi, hija tghid espressament hekk[5]:

**"My greatest concern from a financial point, is for Ben Alexander's education.**

**"I will be 60 years old by the time Ben will be going to university. There are no grants in Scotland (only student loans) for university education.**

**"Ben is a highly intelligent wee boy. It worries me greatly (even should I be fortunate enough to have the health to work until that age) that I will not be able to provide for him. His education is of the utmost importance. He should not be denied any opportunity.**

**"All of the children in my family have had the benefit of a private education at secondary level, before university. It would be wonderful for Ben to have this too. Should it not be possible, he must at the very least be able to have a university education that does not have him starting out in life in debt due to a student loan."**

"**5.** L-ostakolu legali jikkonsisti filli, ghalkemm l-Artikolu 5(2)(b) tal-Kap. 188 – L-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija – jipprovdi illi *"Min jitwieled barra minn Malta fi jew wara [l-21 ta' Settembru 1964] jitqies li jkun sar jew isir cittadin ta' Malta fil-gurnata tat-twelid tieghu…fil-kaz ta' persuna mwielda fi jew wara l-1 ta' Awissu 1989, jekk fil-gurnata tat-twelid ta' dik il-persuna, missierha jkun jew ommha tkun cittadin ta' Malta…"*, l-Artikolu 17(1)(a) tal-istess Kapitolu jkompli jipprovdi hekk: *"F'dan l-Att…kull*

[5] Fol. 98, 99.

*referenza ghall-missier ta' persuna ghandha, dwar persuna mwielda barra miz-zwieg u mhux legittima, tiftiehem bhala referenza ghall-omm ta' dik il-persuna."* Fil-kaz *de quo*, ghalhekk, galadarba Ben twieled barra miz-zwieg u hu meqjus, ghall-finijiet tal-imsemmi Att, bhala illegittimu, l-ahhar parti tal-Artikolu 5(2)(b) tigi taqra: *"…fil-kaz ta' persuna mwielda fi jew wara l-1 ta' Awissu 1989, jekk fil-gurnata tat-twelid ta' dik il-persuna* ***ommha tkun cittadin ta' Malta****…"*. Anne Miller mhix cittadin ta' Malta, izda cittadin tar-Renju Unit[6]."

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**4.** Fis-sentenza – it-tieni wahda, cioe` dik tal-4 ta' Novembru 2008 – li minnha issa qed isir l-appell odjern, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"Ghal dawn il-motivi, wara li tichad l-eccezzjoni ta' l-intimati fuq il-bazi ta' l-artikolu [recte: artikoli] 8 u 14 tal-Kap. 319, tiddikjara illi l-artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 188 tal-Ligijiet ta' Malta nulli [recte: null] u bla effett fil-konfront ta' l-imsemmi Ben Alexander Genovese minhabba li dan l-artikolu huwa leziv ghad-drittijiet protetti bl-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

"Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa, hlief ghal dawk relativi mal-proceduri ta' appell li naturalment jibqghu kif ordnat dik il-Qorti.

"Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati skond ma jipprovdi l-artikolu 242 tal-Kap. 12, wara li jghaddi t-terminu ta' l-appell, jekk ma jigix intavolat ebda appell."

**5.** Dik il-Qorti waslet ghall-imsemmija decizjoni taghha wara li ghamlet, *inter alia*, is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Jigi rilevat li l-intimati sostnew li l-fatti tal-kaz odjern ma jaqghu b'ebda mod fl-ambitu ta' "*family life"* ghall-finijiet ta' l-Artikolu 8, liema kuncett kien definit diversi drabi mill-

[6] Fol. 18.

Qorti Ewropea fosthom fil-kaz **K v United Kingdom** [7] fejn il-Kummissjoni Ewropea qalet hekk:

**"…the existence of family life depends upon the real existence in practice of close personal ties."**

u fil-kazijiet **Marckx v Belgium**[8] u **Olsson v Sweden**[9] il-Qorti Ewropea qalet :

**"The object of family life is living together (not necessarily physically) in order that family relationships can develop normally and family members can enjoy one another's company."** [10]

"A bazi ta' dawn l-intimatio [recte: intimati] sostnew li dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kuncett tal-*family life* ghax l-ghoti *o meno* tac-cittadinanza ma jwassalx biex Ben Alexander Genovese jibni *family tie*.

"Il-Qorti thoss l-obbligu li tirrileva li saz-zmien li l-omm ta' Ben Alexander Genovese harget tqila kien hemm il-bazi tal-kuncett tal-*family tie* li ghar-ragunijiet imsemmijin hawn fuq thassru ossija gew spezzettati meta l-missier sar jaf li l-omm hija tqila. Izda cahda tat-talba odjerna twassal ghal stakkament finali ta' dak li jispera fih ir-rikorrent u cioe` l-*family life* li jerga' jkompli jissussisti. Hu utli li wiehed jiftakar li b-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta' Frar 2003, numru 629/01RCP il-Qorti iddikjarat lil Ben Alexander Genovese bhala tifel naturali ta' Joseph Genovese u li l-konvenut Joseph Genovese ghandu l-obbligu li jmantni l-imsemmi minuri. Ix-xewqa ghall-kontinwazzjoni tal-*family life* ma tinnecessitax il-volonta` taz-zewg nahat ghax parti wahda wkoll jista' jkollha interess li ma jinqatghux il-legami b'mod definit u li ghalhekk ma jinghalqux il-bibien assolutament ghal dak li parti tixtieq u ghandha dritt ghalih.

---

[7] Applikazzjoni 11468/85 (1986) 50 DR 199 at 207
[8] 1979 2 EHRR 330 para.31
[9] 1988 11 EHRR 259 para 59
[10] Human Rights Law and Practice - Butterworths 1999 pagna 174

"Hu interessanti dak li irriteniet il-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Rasmussen fejn fil-paragrafu 33 intqal:

**"Article 8, for its part, protects not only 'family' but also 'private' life. Even though the paternity proceedings which the applicant wished to institute were aimed at the dissolution in law of existing family ties, the determination of his legal relations with Pernille undoubtedly concerned his private life. The facts of the case accordingly also fall within the ambit of Article 8."**

"Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk hemm diskriminazzjoni (certament mhux b'xi mod volontarju izda bhala stat ta' fatt) fil-konfront ta' Ben Alexander Genovese permezz ta' l-artikolu 17(1)(a) tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta, liema dispozizzjoni tal-ligi sservi sabiex iccahhad lill-istess tifel minuri min cittadinanza Maltija a bazi tat-twelid u *status* illegittimu tieghu, is-sess ta' missieru, il-hajja privata ta' l-istess tifel."

**L-appell u r-risposta**

**6.** Minn din is-sentenza appellaw (permezz ta' rikors wiehed presentat fit-13 ta' Novembru 2008) l-Avukat Generali, il-Ministru tal-Intern u d-Direttur tac-Cittadinanza u ta' l-"Expatriates". Huma jikkontendu li l-ewwel Qorti malament sabet li l-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 188 huwa leziv tad-drittijiet tar-rikorrent Ben Genovese. Bazikament huma jfissru li r-rikors promotur ta' din il-kawza huwa effettivament intiz u jikkoncerna d-dritt ghac-cittadinanza, li ma huwiex wiehed mid-drittijiet kontemplati fil-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk l-Artikolu 14 ma japplikax *rationae materiae*. Huma jishqu li *"l-ilment ta' Anne Miller ma jikkoncernax xi impediment sabiex binha minorenni jibni relazzjoni ma' missieru ghax hu illegittimu, jew inkella li r-relazzjoni ma' missieru ma tistax tizviluppa b'mod normali jew li binha ma jistax igawdi l-kumpanija tieghu. Li kieku,"* ikomplu jispjegaw l-appellanti, *"kien hemm xi tip ta' impediment li b'xi mod johloq xi ostakolu sabiex it-tifel izur u jgawdi lil missieru allura wiehed ikun jista' b'xi mod jargumenta illi l-fatti tal-kaz jaqghu fl-ambitu*

*ta' l-Artikolu 8."* Fir-risposta dettaljata taghhom ghall-appell interpost, l-appellati bazikament jikkontendu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament gust u korrett kemm tal-ligi kif ukoll tal-fatti, u li ghalhekk is-sentenza appellata ghandha tigi konfermata. Huma jissotolineaw in partikolari illi: *"Il-fatt kricjali huwa illi [Joseph Genovese]* ***huwa missier biologiku****. Fatt iehor krucjali huwa illi bid-diskriminazzjoni illi tezisti fil-Kap. 188, l-appellat qieghed isib ostakoli serjissimi mill-istat Malti illi jimpeduh milli jibni 'family tie' ma' missieru Joseph Genovese. Dan hu l-punt krucjali. L-Istat qatt ma jista' jinzel fil-livell illi jkun komplici ma' missirijiet li huma missirijiet involontarji u, jekk l-argument ta' l-appellanti jintlaqa' allura l-Istat ma jkun xejn ghajr komplici illi jassisti lill-missirijiet involontarji u irresponsabbli fl-abbandun tar-relazzjoni illi wliedhom ghandhom ix-xewqa – u d-dritt sancit mill-konvenzjoni – illi jibnu maghhom."*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**7.** Jibda biex jinghad li din il-Qorti trid tezamina l-vertenza rimessa issa lilha permezz ta' l-appell interpost, unikament fil-parametri tar-rikors promotorju, tar-risposta ghal dak ir-rikors, u tas-sentenza appellata. Dan qed jinghad ghax permezz tal-Att X tal-2007 gew mizjuda s-subartikoli (3) sa (7) ghall-Artikolu 5 tal-Kap. 188. Il-kwistjoni f'dana l-appell, ghalhekk, tibqa' limitata ghal jekk hemmx il-lezjoni allegata bit-thaddin tal-Artikoli 5(2)(b) u 17(1)(a) tal-Kap. 188, u l-imsemmija subartikoli (3) sa (7) ma jidhlu xejn fl-ekwazzjoni ghall-finijiet ta' din il-kawza.

**8.** Fir-realta`, il-kwistjoni hija wahda semplici u forsi giet ikkumplikata inutilment kemm mill-partijiet kif ukoll mill-ewwel Qorti minhabba ragunamenti aktar emottivi milli bbazati fuq il-ligi. Jibda biex jinghad li ma hemmx dubju – u dan il-punt jidher li hu accettat ukoll mill-appellati – li d-dritt ghac-cittadinanza ma hux dritt sostantiv moghti mill-imsemmija Konvenzjoni. In fatti, fir-risposta ghall-appell interpost, huma jghidu, *inter alia*, hekk: *"…l-appellati umilment jirrelevaw illi la fir-rikors promotorju u lanqas fis-sentenza appellata m'hemm xi ezami tad-dritt ghal cittadinanza – lanqas b'mod intiz. Il-kwistjoni ta'*

*cittadinanza kienet biss wahda incidentali…”*. Din il-Qorti jkollha tghid – bhalma diga` accennat fis-sentenza taghha tat-18 ta’ Lulju 2006 – li mill-provi jidher li, ghalkemm ir-rikors promotorju hu konfezzjonat b’tali mod li qed jinvoka d-dritt ghall-hajja tal-familja (Art. 8) abbinat ma’ l-Artikolu 14, ir-raguni vera ghala saret din il-kawza hija biex tipprova tassigura l-istat ekonomiku futur ta’ Ben Genovese ghal dak li jirrigwarda l-edukazzjoni tieghu, u dan billi huwa jkun jista’ jikseb ic-cittadinanza Maltija. Pero` anke li kieku wiehed kellu jipprexxindi minn dan kollu, din il-Qorti ma tistax tara kif id-disposizzjoni impunjata tal-Kap. 188 tilledi l-Artikoli tal-Konvenzjoni invokati mill-appellati fir-rikors promotorju taghhom. L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, korrettement accennat ghal dak li nghad mill-Qorti ta’ Strasbourg fil-kaz **Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. United Kingdom** [11] u cioe` li:
“Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to ‘the enjoyment of the rights and freedoms’ safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous –, there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter.” [12]

**9.** Aktar recentement dan il-principju gie riformulat hekk mill-istess Qorti f’kaz li kien jitratta l-ghoti ta’ *parental leave* lin-nisa izda mhux lill-irgiel:

“The Court has said on many occasions that Article 14 comes into play whenever “the subject-matter of the disadvantage ... constitutes one of the modalities of the exercise of a right guaranteed” (see the National Union of Belgian Police v. Belgium judgment of 27 October 1975, Series A no. 19, p. 20, § 45), or the measures complained of are “linked to the exercise of a right guaranteed” (see

[11] 28/05/1985
[12] A94, p. 35

the Schmidt and Dahlström v. Sweden judgment of 6 February 1976, Series A no. 21, p. 17, § 39)." [13]

**10.** Issa, fil-kaz in dizamina, il-ksib o meno tac-cittadinanza Maltija minn Ben Genovese b'ebda mod ma ser tiffacilita` jew tostakola id-dritt tieghu ghall-"hajja tal-familja" (u n-nuqqas ta' cittadinanza anqas ma ostakolat jew qed tostakola dan id-dritt) sia jekk dan il-kuncett ta' "family life" jinftiehem (skond il-kazistika prevalenti ta' Strasbourg) bhala r-rabta ma' missieru u sia jekk jigi limitat ghar-rabtiet li huwa diga` ghandu ma xi membri tal-familja ta' missieru. Kif tajjeb josservaw l-appellanti fir-rikors ta' appell taghhom, l-appellati ma ghandhom ebda ostakolu, naxxenti mill-fatt li t-tifel ma jistax ikollu cittadinanza Maltija skond id-disposizzjoni li fir-rigward taghha saret il-kawza, biex ikun hemm "bonding" bejn l-istess Ben Genovese u missieru. Il-problema hija semplicement li l-missier ma jridx jirrikonoxxi lit-tifel u ma jridx ikollu x'jaqsam xejn mieghu! Prova elokwenti ta' dan kollu hu dak li tghid Anne Miller fl-affidavit taghha (ara fol. 97):

"Each year since Ben's birth we have visited Malta. Mr Genovese has not on any occasion wished to see us. He has also made it very difficult for his parents and his sister to see us. We could only visit at a time when Mr Genovese was not at home…Now when we visit we meet with Miss Mary Genovese, Ben Alexander's aunt, at a place away from the Genovese family home. Mr Genovese senior, Ben Alexander's grandfather, is housebound. We therefore are not able to see him. We do, however, keep in touch by letter and telephone."

Kif inhu ben risaput, dawn huma problemi li sfortunatament spiss jinqalghu u jirrikorru anke meta l-partijiet kollha jkunu cittadini Maltin. Ghalhekk "the measure complained of" ma jistax jinghad li hija "linked to the exercise of a guaranteed right".

[13] **Petrovic v. Austria** 27/03/1998, para. 28.

**11.** Ma' dan irid jizdied jinghad ukoll – u dana biss bhala argument addizjonali ghala l-pretensjoni tal-appellati kif migjuba fir-rikors promotorju taghhom hija manifestament infondata – li skond gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,
"The duty imposed by article 8 cannot be considered as extending to a general obligation on the part of a Contracting State to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country." [14]

Jekk addirittura stat mhux obbligat aprioristikament li jaccetta "a non-national spouse" li jirrisjedi jew tirrisjedi fit-territorju ta' dak l-istat, kemm aktar allura ma hux obbligat li jakkorda c-cittadinanza, ikun x'ikun il-kriterju li a bazi tieghu dik ic-cittadinanza tigi akkordata.

**<u>Decide</u>**

**12.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu gie dikjarat li l-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 188 huwa null u bla effett fil-konfront ta' Ben Alexander Genovese "minhabba li dan l-artikolu huwa leziv ghad-drittijiet protetti bl-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea", kif ukoll in kwantu ordnat li l-ispejjez jibqghu bla taxxa. L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell – u hlief ghal dawk l-ispejjez li diga` hemm decizjoni dwarhom fis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2006 – jithallsu mir-rikorrenti appellati. Fl-ahharnett din il-Qorti tordna ghal kull buon fini li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur, Qrati u Tribunali Civili, lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati.

**< Sentenza Finali >**

[14] **Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. United Kingdom** *supra*, p.34. Ara wkoll Karen Reid ***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*** Sweet & Maxwell (London) 2004, para IIB-244, p. 379.

---------------------------------TMIEM---------------------------------